**STQARRIJA TAL-PRIM MINISTRU DWAR IL-PUBBLIKAZZJONI TA' *LEAKS* INTERNAZZJONALI MAGĦRUFA BĦALA *PANAMA PAPERS***

Inħoss li llum għandi nitkellem dwar il-pubbliкazzjoni ta' *leaks* internazzjonali, magħrufa bħala Panama Papers. Dan is-suġġett jimmerita diskussjoni matura u li tmur lil hemm mis-sempliċi politika partiġġjana, għaliex hemm implikazzjonijiet dwaru li jistgħu jkollhom effett fuq pajjiżna.

L-ewwel nett, irrid ngħid li l-Konsorzju Internazzjonali tal-Ġurnalisti Investigattivi bagħat sinjal b'saħħtu favur it-trasparenza. Lil hemm mill-argument legali dwar minn fejn ġiet din l-informazzjoni, huwa ċar li hemm rwol b'saħħtu għall-*media* biex tassigura li l-affarijiet madwar id-dinja jsiru bl-aħjar mod possibbli.

L-effett immedjat li diġà bdejna naraw internazzjonalment wara li ħarġu dawn il-*leaks* kien li żdiedet il-pressjoni fuq ċentri tas-servizzi finanzjarji. Malta mhix ċentru *offshore,* u s-sistema tagħna hija approvata mill-Unjoni Ewropea u konformi mal-prinċipji tal-OECD. Madankollu, huwa ċar li l-pressjoni mhux se tiżdied fuq ċentri *offshore* biss, iżda se tiżdied fuq kulħadd. Dan irrispettivament minn min jissemma jew le f'dawn il-listi.

Jiġifieri jekk tistaqsuni x'inhi l-prijorità ewlenija tiegħi wara dak li ġie ppubblikat lbieraħ, nistqarr li din hija li nżommu s-settur tas-servizzi finanzjarji b'saħħtu, kif għandna llum. Anzi nsaħħuh aktar. Dan għaliex, qed tingħata l-impressjoni li kull min juża għodod finanzjarji, bħal kumpaniji rreġistrati f'pajjiżi oħra u *trusts*, qed jagħmel dan biex jevadi t-taxxi jew għal skopijiet illegali. Għalxejn noqogħdu nilludu ruħna li ngħidu li aħna differenti minn ħaddiehor. L-opinjoni pubblika fid-dinja globalizzata ftit li xejn tagħmel differenza bejn kontinent u ieħor, aħseb u ara bejn pajjiż u ieħor, anki jekk din id-differenza tkun teżisti.

F'dan il-kuntest, se jkun hemm aktar pressjoni fuq ċentri tas-servizzi finanzjarji, fosthom ta' Malta. Se jiżdied l-attakk ukoll fuq l-awtonomija ta' kull pajjiż li jieħu deċiżjonijiet sovrani fir-rigward ta' taxxi u sistemi finanzjarji, kif żdiedet il-pressjoni meta kien hemm l-*Offshore Leaks*, is-*Swiss Leaks* u l-*Lux Leaks*, minkejja li Malta ma kellhiex x'taqsam.

Qed ngħid dan kollu mhux biex naqtgħu qalbna, iżda biex nifhmu l-isfida li għandna quddiemna. Sfida nazzjonali li rridu nidħlu għaliha lkoll flimkien minflok noqogħdu nilagħbu logħob ta' politika partiġġjana li fl-aħħar mill-aħħar ma jwassal imkien.

Il-pożizzjoni tagħna trid tkun ċara b'mod internazzjonali. Malta hija ġurisdizzjoni trasparenti u li tikkollabora bil-qsim tal-informazzjoni skont l-ogħla standards internazzjonali. Iżda Malta mhix se ċċedi d-dritt sovran tagħha li tiddeċiedi dwar sistema ta' taxxi li tkun fl-aħjar interess tal-Maltin u l-Għawdxin kollha.

Nemmen li din hija sfida li nistgħu nirbħu. Iżda biex nagħmlu dan irridu nkunu magħqudin, kemm f'din il-Kamra kif ukoll lil hemm minnha, għaliex fuq din il-pożizzjoni jiddependu eluf ta' postijiet tax-xogħol li rridu niddefendu u li rridu naraw li jikbru.

Bħala gvern aħna determinati li nwettqu din il-ħidma, bl-ogħla standards internazzjonali.

Niġu issa għad-dettalji li ġew żvelati lbieraħ. Sirna nafu li hemm madwar 676 kumpanija rreġistrati fil-Panama minn Malta. Bejniethom dawn għandhom 42 persuna, 59 benefiċċjarju u 277 *shareholder.* Id-dettalji sħaħ għandhom isiru pubbliċi f'Mejju.

Fid-dawl anke tal-istqarrija tal-Gvern tal-Panama li lest li jagħti l-informazzjoni mitluba, il-Kummissarju għat-Taxxi Interni llum ħa d-deċiżjoni li jikteb lil dan il-Gvern kif ukoll lill-Konsorzju tal-Ġurnalisti sabiex jitlob kull informazzjoni li jista' jkun hemm fir-rigward ta' persuni Maltin sabiex tiġi investigata minnufih. Kif jgħid il-Konsorzju tal-Ġurnalisti fil-paġna tiegħu stess, ma jfissirx li kull min għandu kumpanija kiser il-liġi, u li hemm raġunijiet validi u legali biex wieħed ikollu struttura simili. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni għalhekk se jara l-każijiet kollha u jinvestiga skont kif meħtieġ.

Dan huwa l-istess kif sar fil-każ tas-Swiss Leaks fejn kien matul din il-leġiżlatura li ntalbet l-informazzjoni kollha meħtieġa, u saru jew qed isiru investigazzjonijiet.

Fil-pubblikazzjoni tal-bieraħ issemmew għadd ta' persuni minn madwar id-dinja, inkluż politiċi u nies magħrufa, li għandhom strutturi fil-Panama miftuħa minn kumpanija partikolari. Dawn jinkludu l-Prim Ministru tal-Iżlanda, ir-Re tal-Għarabja Sawdita, mart il-Kummissarju Ewropew Spanjol u missier il-Prim Ministru Ingliż.

Fil-lista msemmija, minn Malta ssemma l-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa. Mill-informazzjoni mogħtija mill-Konsorzju, dak kollu li qal il-Ministru meta ddikjara li għandu din l-istruttura, huwa minnu. Xorta se titkompla t-*tax audit* sħiħa u indipendenti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq kull kont tal-Ministru Konrad Mizzi, inkluż fuq it-*trust* li ddikjara li għandu fi New Zealand għal raġunijiet familjari, u l-kumpanija fil-Panama skont il-permess li diġà ta. Tajjeb li hawnhekk nirrimarka stqarrija tal-Gvern ta' New Zealand li qal li l-pajjiż mhux *tax haven* u li jikkonforma mar-regolamenti tal-OECD. Dan huwa fatt importanti li jassigura trasparenza.

Barra minn hekk għaddej il-proċess ta' *audit* indipendenti biex tara jekk hemmx flus jew qattx kien hemm flus f'din il-kumpanija u *trust,* minn fejn ġew u għaliex.

Tajjeb li ngħid li filwaqt li ma jissemmix f'din il-lista ta' persuni, l-istess *audit* indipendenti għaddej ukoll fuq struttura simili li għandu ċ-*Chief of Staff* tiegħi, Keith Schembri.

Il-verżjoni tal-fatti li ngħataw lili u lill-poplu Malti u Għawdxi mill-Ministru Mizzi u minn Keith Schembri huma kkonfermati kollha kemm huma minn dak li ġie żvelat.

Fil-fatt, filwaqt li prattikament il-profil ta' kull persuna li tissemma huwa mimli b'ammonti u tranżazzjonijiet, ma jidhirx li hemm l-istess affarijiet fil-konfront tal-Ministru Mizzi. Anzi, fil-profil tiegħu hemm spjega dettaljata mogħtija mill-istess Ministru inkluż il-fatt li din l-istruttura kienet iddikjarata.

Iżda mhux se noqgħod biss fuqhom.

Kif diġà għidt, jekk jirriżulta li dawn il-persuni ma qalux il-verità, jew jekk jirriżulta li hemm kontijiet moħbija bil-miljuni li allega l-Kap tal-Oppożizzjoni, jien inneħħi lil dawn il-persuni mill-kariga immedjatament.

Nagħżel, bħalma dejjem għamilt, li nistenna li l-investigazzjonijiet jintemmu u jkolli l-fatti. Din il-Kamra taf, kif jaf il-pajjiż, li meta kelli każijiet taħt investigazzjoni, stennejt ir-riżultat tagħhom u ħadt id-deċiżjoni mingħajr ma ħarist lejn wiċċ ħadd.

Id-dispjaċir li għandi huwa li dawn l-affarijiet neħħew l-attenzjoni minn fuq il-kisbiet kbar li qed jagħmel dan il-Gvern għal Malta, bl-akbar tkabbir ekonomiku, rivoluzzjoni soċjali u libertajiet ċivili bla preċedent. Dan huwa l-istess żmien meta rivista bħal *The Economist*, magħrufa għal kemm hija iebsa mal-gvernijiet madwar id-dinja kollha, tgħid li l-Gvern ta' pajjiżna huwa mudell għas-soċjal demokrazija fl-Ewropa.

Jien intenni l-impenn tiegħi quddiem din il-Kamra li nkomplu mexjin 'il quddiem biex Malta tikseb l-aqwa riżultati ta' kull żmien.